Minuti tal-Kontinwazzjoni tat-Tnax (12) il-Laqgħa ta' l-Ewwel Kumitat Amministrattiv Burmarrad li saret nhar il-Tlieta 27 ta' Settembru, 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa bdiet fis-6.05 ta' filgħaxija.

Il-Membri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Chairperson Raymond Bartolo | 6.00 p.m. | 8.00 p.m. |
| Viċi Chairperson Simone Aquilina | 6.00 p.m. | 8.00 p.m. |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Peter Abela | 6.00 p.m. | 8.00 p.m. |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Carmel Hili | 6.00 pm | 8.00 p.m. |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Joseph Mario Hili | 6.05 p.m. | 8.00 p.m. |

Iċ-Chairperson mexxa l-laqgħa tal-Kumitat.

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea u s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri, kienu preżenti għal-laqgħa.

Peress li kien hemm xi żviluppi mill-ewwel parti ta' din il-laqgħa ġie deċiż li jiġu riveduti Items 4 u 5 tal-Agenda.

**4.00 Evalwazzjoni ta' Tender għal Playingfield Equipment**

4.01 Il-kjarifikazzjoni li talab il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad lil Kuntrattur ġiet riċevuta, u l-Kumitat approva li tingħata t-Tender lil JGC Ltd. għal Playingfield Equipment. Ġie approvat ukoll li titwaħħal plakka, bil-kliem li ser jinkiteb fuq il-plakka jiġi provdut miċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo.

**5.00 Evalwazzjoni ta' kwotazzjonijiet ta' Bankijiet għal San Pawl Milqi**

5.01 Ġie approvat li jitwaħħal bank mill-Outdoor Decor Ltd. peress li ġie ikkonfermat li l-prezz kien jinkludi t-twaħħil u ġie approvat li titwaħħal plakka ħdejn dan il-bank.

**8.00 Proposta ta' Spiżerija għal Burmarrad**

8.01 Inqrat il-Proposta kif ippreżentata mis-Sur Carmel Hili u din ġiet issekondata minn Joseph Mario Hili kif anessa ma' dawn il-minuti. Iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo, issekondat mill-Viċi Chairperson Simone Aquilina, ressaq kontro-proposta, kif tidher annessa ma dawn il-minuti.

Il-Kontro proposta kif imressqa miċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo tpoġġiet għal-votazzjoni u ġiet approvata unanimament.

Din il-proposta għandha tintbagħat lil Uffiċċju tal-Priministru, Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-komunita', lid-Direttur tas-Saħħa, lil GRTU u l-assoċċjazzjoni li tirrappreżenta l-Ispiżjara.

**9.00 Toroq f'Burmarrad taħt l-Iskema tal-PPP**

9.01 Is-Sur Carmel Hili, fuq talba tar-residenti ta' Burmarrad, talab li Transport Malta tikkjarifika jekk ittieħditx xi deċiżjoni dwar Triq Manuel Bonniċi. Iċ-Cerpersin ikkonferma li Triq Manwel Bonnici ser issir mill-Ministeru ta' l-Infrastruttura u qieghda '*on schedule*'.

**10.00 Deċiżjoni finali dwar Welcome Boards**

Is-Sur Carmel Hili talab li jsiru l-Welcome Boards avolja kien għad ma hemmx deċiżjoni mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar l-istemma tal-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad. Huwa qal li kien ikkuntatja lid-Dipartiment u qalulu li l-ħruġ ta' dawn l-istemmi kienet "*a matter of months if not years*". Iċ-Cerpersin staqsa jekk is-Segretarju jafx b'din il-komunikazzjoni li saret mis-Sur Hili direttament mad-Dipartiment, iżda jidher illi s-Sur Hili qabeż ic-channels propizji. F'dan l-istadju ċ-Cerpersin saħaq illi ma jistax ikun illi membri jiġu b'informazzjoni illi mhix verifikabbli u meta ħadd ma jkun preparat b'risposta u fl-istess ħin jipproponi li tinbidel deċiżjoni, Dan m'huwiex għaqli u jista' jwassal biex

tittieħed deċiżjoni msejsa fuq informazzjoni skorretta. Il-maġġoranza tal-Kumitat iżda ddeċidiet li l-Welcome Boards għandhom isiru wara li jinħarġu l-istemmi ta' Burmarrad u l-Wardija kif approvati mid-Dipartiment. Din kienet id-deċiżjoni li ttieħdet u ma tistax tinbidel deċiżjoni qabel jgħaddu sitt xhur. Ma għandhomx jintefqu flus biex wara ftit jinbidlu dawn il-Welcome Boards. Peter Abela għamel point of order biex jispjega l-etika ta' meta jiġu avviċinati l-awtoritajiet. F'dan l-istadju s-Sur Carmel Hili qal lil Peter biex ma jitkessahx għax darb'oħra kien ser ikun hawn in-nies u "ma nkunux waħedna".

**12.00 Aġġornamenti**

12.01 **Is-Sur Peter Abela**

12.01.01 Transport Malta għandha tiġi nfurmata li Triq tal-Wardija qed tinqasam u qed jgħaddu minnha l-karozzi tal-linja, u li din hija perikoluża.

12.01.02 Is-Sur Abela staqsa rigward il-proposti għas-*Service Road* ta' ħdejn Bonnici Brothers Ltd. u ċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo qal li din għadha ma ġietx approvata.

12.02 **Iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo**

12.02.01 Iċ-Chairperson informa li mix-xogħol approvat minn Transport Malta kien jonqos isiru l-*barriers, line markings, yellow grid lines*.

12.03 **Il-Viċi Chairperson is-Sinjura Simone Aquilina**

12.03.01 Is-Sinjura Simone Aquilina talbet li Transport Malta (il-Perit Daniel Cordina) jintalab jagħmel spezzjoni dwar il-materja li tkellem fuqha ċ-Chairperson (ara 12.02.01 aktar fuq).

12.03.02 Is-Sinjura Simone Aquilina talbet u ġiet approvata li ssir *Clean Up Day* fil-Wardija. Ġiet approvata s-somma ta' €500. Is-Sinjura Simone Aquilina għandha tinforma lil-Kumitat Amministrattiv Burmarrad bl-affarijet li jkollha bżonn, filwaqt li tagħti d-data għal din il-*Clean Up Day*.

**13.00 Ħwejjeġ oħra**

13.01 Is-Sur Carmel Hili insista li l-korrispondenza kollha, b'imejl jew mhux li tintbgħat miċ-Chairperson u s-Segretarju Eżekuttiv f'isem il-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad, għandha tiġi kkupjata lill-membri kollha tal-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad sabiex ikunu jistgħu jsegwu l-iżvilupp ta' dak li titratta fuqu l-korrisponenza. Is-Segretarju qal li din mhiex il-proċedura. Hawn Carmel Hili spjega li jrid dan għaliex għandu min jinfurmah mid-Dipartiment li korrispondenza mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward meta ser isiru l-elezzjonijiet tal-Kumitat Amministrattivi mhux vera għaddiet mis-Segretarju. Is-Segretarju Eżekuttiv ipprotesta minn dan il-lat u ċ-Ċerpersin waqqaf il-laqgħa għax qamet kommozzjoni fuq l-*issue*.

**14.00 Għeluq**.

Il-Laqgħa ġiet sospiża fit-8.00 ta' filgħaxija.

*Ray Bartolo*
*Chairperson*

*John J. Camilleri*
*Segretarju Eżekuttiv*